REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2351

tal-14 ta' Diċembru 2015

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata fuqha b'mod parzjali jew bis-sħiħ, jew li żżid kwalunkwe sottodiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma rnexxilux jagħti l-opinjoni tiegħu fi ħdan l-iskadenza stabbilita mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness huma kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Heinz ZOUREK
Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Sett tal-ġardinaġġ ippreżentat f'imballaġġ tal-plastik li fih hemm l-oġġetti li ġejjin:		Il-klassifikazzjoni hija stabbilita skont ir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (GIR).
(a) Basket magħmul minn drapp tessili minsuġ, b'superfiċi esterna ta' materjali tessili b'but kbir fuq ġewwa u b'erbgħa bwiet iżgħar fuq barra,	4202 22 90	L-oġġetti ma jistgħux jitqiesu bħala oġġetti ppreżentati f'sett għal bejgħ bl-imnut skont it-tifsira tar-GIR 3(b) minħabba li mhux kollha huma ppreżentati flimkien biex tiġi ssodisfata ħtieġa partikolari jew biex titwettaq attività speċifika.
(b) Par ingwanti, prinċipalment magħmulin minn drapp tessili minsuġ, b'kisja ħafifa ta' plastiks ċellulari fuq in-naħa tal-keff tal-id,	6216 00 00	Il-basket ma jintużax għall-ġardinaġġ, iżda biex fih ikunu jistgħu jitqiegħdu l-oġġetti l-oħra. Dan jista' jintuża wkoll indipendentement mill-attivitajiet ta' ġardinaġġ.
(c) Imqass tal-ġardinara għaż-żbir magħmul mill-metall bażiku,	8201 50 00	Il-lapes ukoll mhuwiex għodda tal-ġardinaġġ u għandu l-użu prattiku tiegħu innifsu f'attivitajiet oħra.
(d) Luħ tal-ġardinara magħmul mill-metall bażiku,	8201 10 00	Jekk wieħed jew aktar mill-oġġetti ta "sett" ma jissodisfawx l-istess ħtieġa partikolari jew mhumiex maħsuba biex iwettqu l-istess attività speċifika, kull oġġett irid jiġi kklassifikat separatament (ara wkoll il-Linji Gwida dwar il-klassifikazzjoni fin-Nomenklatura Magħquda tal-oġġetti ppreżentati f'settijiet għall-bejgħ bl-imnut, il-Parti B (II) [1]).
(e) Tnax-il stikka tal-plastik għall-immarkar,	3926 90 97	
(f) Lapes b'faħma tal-lapsijiet.	9609 10 10	L-oġġetti individwali, kif imsemmija fid-deskrizzjoni tal-prodotti, għandhom ikunu kklassifikati kif ġej:
L-artikoli tas-sett huma ppakkjati individwalment f'imballaġġ protettiv tal-plastik. Id-drapp tal-basket u tal-ingwanti għandu l-istess disinn (siġar, fjuri, djar). Ara l-istampa (*).		(a) Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bil-kliem li jintuża fil-Kodiċijiet NM 4202, 4202 22 u 4202 22 90. Għandu jiġi kklassifikat bħala basket tal-idejn b'superfiċi esterna ta' materjal tessili skont il-Kodiċi NM 4202 22 90. (b) Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bil-kliem li jintuża fil-Kodiċi NM 6216 00 00. Il-materjal tessili minsuġ huwa meqjus li huwa l-materjal li minnu huma magħmulin l-ingwanti. Għalhekk, dawn għandhom jiġu kklassifikati bħala ingwanti skont il-Kodiċi NM 6216 00 00. (c) Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bil-kliem li jintuża fil-Kodiċi NM 8201 u 8201 50 00. Għandu jiġi kklassifikat bħala mqass tal-ġardinara skont il-Kodiċi NM 8201 50 00. (d) Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bil-kliem li jintuża fil-Kodiċijiet NM 8201 u 8201 10 00. Għandu jiġi kklassifikat bħala luħ skont il-Kodiċi NM 8201 10 00. (e) Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bil-kliem li jintuża fil-Kodiċijiet NM 3926, 3926 90 u 3926 90 97. Għandu jiġi kklassifikat bħala oġġetti oħrajn tal-plastik skont il-Kodiċi NM 3926 90 97.

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
		(f) Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bil-kliem tal-Kodiċijiet NM 9609, 9609 10 u 9609 10 10. Għandu jiġi kklassifikat bħala lapes b'faħma tal-lapsijiet skont il-Kodiċi NM 9609 10 10.

(*) L-istampa qed tingħata għal skopijiet ta' informazzjoni biss.
([1]) ĠU C 105, 11.4.2013, p. 1.

